**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1051/2016 AF**

**Paul Cardona u Natalie Cardona ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Kunsill Lokali Mellieha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Paul Cardona u Natalie Cardona, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

**<u>Dikjarazzjoni:</u>**

L-intimat Kunsill Lokali Mellieħa f'Settembru tas-sena 2015 għamel sejħa pubblika għall-offerti għal tindif u manutenzjoni

ta’ latrini pubbliċi bl-isem ‘*Environmentally Friendly Cleaning and Maintenance of Public Conveniences*’ bin-numru MLC 8/2015, u l-esponenti kien wieħed minn seba’ offerrenti.

Permezz ta’ ittra datata l-erbatax (14) ta’ Jannar, 2016 l-esponenti ġie mgħarraf illi l-offerta magħmula mis-Sur Antoine Fenech kienet l-offerta rebbieħa; kopja tal-ittra mal-preżenti annessa u mmarkata bhala **Dok A**.

L-offerta tal-esponenti kienet it-tieni l-irħas waħda, u dan kif jirriżulta mill-anness dokument immarkat **Dok B**.

L-esponenti ikkontesta d-deċizjoni tal-intimat Kunsill Lokali Mellieħa permezz ta’ appell ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Numru 174.04 – *Regolamenti Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi*, stante illi l-offerta magħżula (dik magħmula mis-Sur Antoine Fenech) kellha dokument (*GPP List*) minn dawk rikjesti mill-istess Kunsill, nieqes. Kopja tal-Appell hija hawn annessa u mmarkata bħala **Dok Ċ**.

Il-Bord ta’ Reviżjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi, fid-deċiżjoni tiegħu tal-ħdax (11) ta’ Marzu tas-sena 2016, (Nru: 912) kopja ta’ liema sentenza tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dok D** kien iddeċieda s-segwenti:

> *“In view of the above, this Board finds* ***in favour*** *of the Appellant and recommends that:*
>
> *i. The Appellant’s Offer is to be reintegrated in the Evaluation Process;*
>
> *ii. The deposit paid by the Appellant is to be fully reimbursed.”*

Din id-deċiżjoni hija finali stante illi ma ġie interpost l-ebda appell minnha quddiem l-Onor. Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Numru 174.04 – *Regolamenti Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi*.

Ghalhekk id-deċiżjoni suriferita tal-Bord ta’ Reviżjoni Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi tindika illi l-offerta tar-rikorrenti għandha tkun

dik magħżula mill-intimat stante illi l-offerta tar-rikorrenti kienet it-tieni l-irħas offerta, u irħas minnha kien hemm biss l-offerta inizjalment magħżula b'mod żbaljat mill-istess intimat.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, fosthom ittra legali u Ittra Uffiċjali (kopji ta' liema jinsabu mal-preżenti annessi u mmarkati **Dok E** u **Dok F**), u wkoll laqgħa bejn l-intimat u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret ġewwa l-bini tal-istess Kunsill, nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju, 2016, l-intimat Kunsill Lokali tal-Mellieħa baqa' inadempjenti.

L-esponenti preżentaw ukoll rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kawtelatorju fil-konfront tal-intimat sabiex iżommuh milli jaġixxi b'tali mod li jippreġudika d-drittijiet tal-esponenti kif sanati mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi datata l-ħdax (11) ta' Marzu, 2016 u/jew joħroġ l-offerta jew kwalunkwe offerta oħra b'rabta ma' jew għall-istess skop jew skopijiet tat-Tender Nru: MLC 8/2015 – '*Environmentally Friendly Cleaning and Maintenance of Public Conveniences*'(*vide* Rikors anness u mmarkat **Dok Ġ**). Din it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġiet milqugħha min din l-Onor. Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2016; kopja tas-sentenza (Nru: 1550/2016 MCH) tinsab hawn annessa u mmarkata bhala **Dok H**.

Sal-lum l-intimat Kunsill Lokali għadu ma aġixxiex in ottempranza ma' dak deċiż mill-Bord ta' Reviżjoni Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi nhar il-11 ta' Marzu, 2016, u għalhekk kellha ssir din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**<u>Raguni tat-Talba</u>**

L-intimat Kunsill Lokali Mellieħa f'Settembru tas-sena 2015 għamel sejħa pubblika għall-offerti għal tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi bl-isem '*Environmentally Friendly Cleaning and Maintenance of Public Conveniences*' bin-numru MLC 8/2015, u l-esponenti kien wieħed minn seba' offerrenti.

Permezz ta' ittra datata l-erbatax (14) ta' Jannar, 2016 l-esponenti ġie mgħarraf illi l-offerta magħmula mis-Sur Antoine

Fenech kienet l-offerta rebbieħa; kopja tal-ittra mal-preżenti annessa u mmarkata bhala **Dok A**.

L-offerta tal-esponenti kienet it-tieni l-irħas waħda, u dan kif jirriżulta mill-anness dokument immarkat **Dok B**.

L-esponenti ikkontesta d-deċizjoni tal-intimat Kunsill Lokali Mellieħa permezz ta' appell ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Numru 174.04 – *Regolamenti Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi*, stante illi l-offerta magħżula (dik magħmula mis-Sur Antoine Fenech) kellha dokument (*GPP List*) minn dawk rikjesti mill-istess Kunsill, nieqes. Kopja tal-Appell hija hawn annessa u mmarkata bħala **Dok Ċ**.

Il-Bord ta' Reviżjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi, fid-deċiżjoni tiegħu tal-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena 2016, (Nru: 912) kopja ta' liema sentenza tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dok D** kien iddeċieda s-segwenti:

> *"In view of the above, this Board finds* ***in favour*** *of the Appellant and recommends that:*
>
> *i. The Appellant's Offer is to be reintegrated in the Evaluation Process;*
>
> *ii. The deposit paid by the Appellant is to be fully reimbursed."*

Din id-deċiżjoni hija finali stante illi ma ġie interpost l-ebda appell minnha quddiem l-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Numru 174.04 – *Regolamenti Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi*.

Ghalhekk id-deċiżjoni suriferita tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi tindika illi l-offerta tar-rikorrenti għandha tkun dik magħżula mill-intimat stante illi l-offerta tar-rikorrenti kienet it-tieni l-irħas offerta, u irħas minnha kien hemm biss l-offerta inizjalment magħżula b'mod żbaljat mill-istess intimat.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, fosthom ittra legali u Ittra Uffiċjali (kopji ta' liema jinsabu mal-preżenti annessi u

mmarkati **Dok E** u **Dok F**), u wkoll laqgħa bejn l-intimat u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret ġewwa l-bini tal-istess Kunsill, nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju, 2016, l-intimat Kunsill Lokali tal-Mellieħa baqa' inadempjenti.

L-esponenti preżentaw ukoll rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kawtelatorju fil-konfront tal-intimat sabiex iżommuh milli jaġixxi b'tali mod li jippreġudika d-drittijiet tal-esponenti kif sanati mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi datata l-ħdax (11) ta' Marzu, 2016 u/jew joħroġ l-offerta jew kwalunkwe offerta oħra b'rabta ma' jew għall-istess skop jew skopijiet tat-Tender Nru: MLC 8/2015 – '*Environmentally Friendly Cleaning and Maintenance of Public Conveniences*'(*vide* Rikors anness u mmarkat **Dok Ġ**). Din it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġiet milqugħha min din l-Onor. Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2016; kopja tas-sentenza (Nru: 1550/2016 MCH) tinsab hawn annessa u mmarkata bhala **Dok H**.

Sal-lum l-intimat Kunsill Lokali għadu ma aġixxiex in ottempranza ma' dak deċiż mill-Bord ta' Reviżjoni Dwar Il-Kuntratti Pubbliċi nhar il-11 ta' Marzu, 2016, u għalhekk kellha ssir din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tordna lill-intimat Kunsill Lokali Mellieħa sabiex jonora d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi tal-11 ta' Marzu tas-sena 2016, (Nru: 912) u konsegwentament;

2. Tordna lill-intimat Kunsill Lokali Mellieħa sabiex fiż-żmien stipulat minn din l-Onorabbli Qorti jerġa' jintegra l-offerta tar-rikorrenti għat-Tender Nru: MLC 8/2015 mill-ġdid fil-proċess t'evalwazzjoni;

3. Tordna lill-intimat Kunsill Lokali Mellieħa jevalwa l-offerta tar-rikorrenti abbażi tal-istess kriterji li fuqhom l-istess intimat għamel l-għażla tal-offerta magħmula mis-Sur Antoine Fenech (illum eliminata).

B'riserva ta' kull dritt, rimedju, u azzjoni legali ulterjuri, li r-rikorrenti għandhom jew jista' jkollhom kontra l-intimat inkluż azzjoni għad-danni riżultanti mill-aġir tal-intimat.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni, inkluż l-ispejjeż tal-prezenti, tal-ittri uffiċjali Nru: 1427/2016, dawk tal-Mandat t'inibizzjoni Nru: 1550/2016 MCH, u tal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill intimat, Kunsill Lokali Mellieha, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

F'Settembru tas-sena 2015, il-Kunsill esponenti ghamel sejha pubblika ghall-offerti ghal tindif u manutenzjoni ta' latrini pubblici bl-isem 'Environmentally Friendly Cleaning and Maintenance of Public Conveniences' bin-numru MLC 8/2015.

In konnessjoni mal-istess Tender, il-Kunsill esponenti kien bghat ittra datata 14 ta' Jannar tas-sena 2016, lill-applikanti kollha, fosthom lir-rikorrentli, li l-kuntratt riferit kien inghata lil Antoine Fenech ta' 192, Majestic Court, Triq is-Saghtar, Mellieha.

Sussegwentement gew intavolati numru ta' appelli, fosthom mir-rikorrent Paul Cardona u minn Absolute Cleaners Limited.

L-udjenza ta' dawn iz-zewg appelli gew appuntati ghal nhar it-3 ta' Marzu tas-sena 2016 quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubblici, Notre Dame Ravelin, Floriana, fejn l-appell intavolat minn Absolute Cleaners Limited kellu numru 910, mentri dak intavolat minn Paul Cardona kellu numru 912.

Il-Kunsill esponenti jikkonferma li permezz ta' decizjoni datata hdax (11) ta' Marzu tas-sena 2016, fir-rigward tal-appell intavolat mir-rikorrenti b'numru 912, l-Onorabbli Bord rrakomanda li *'The Appellant's Offer is to be reintegrated in the Evaluation Process'.*

Barra d-decizjoni mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti, fl-istess gurnata, l-Onorabbli Bord taha decizjoni ohra fil-kawza numru 910, ossia l-appell intavolat minn Absolute Cleaners Limited.

B'kuntrast ghad-decizjoni moghtija fil-konfront tar-rikorrenti, fid-decizjoni moghtija ghar-rigward ta' Absolute Cleaners Limited, l-Onorabbli Bord rrakomandat li *'The Tender should be re-issued under the proper procedures'*, kopja ta' din id-decizjoni qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A'.

Sussegwentement, il-Kunsill esponenti gie rinfacciat b'zewg decizjoni tal-istess Onorabbli Bord li huma ghal kollox konfliggjenti.

B'permezz ta' ittra ttimbrata hamsa ta' April tas-sena elfejn u sittax (05.04.2016), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B', il-Kunsill esponenti talab direzzjoni cara lill-Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici, dwar liema procedura ghandha tittiehed u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li l-istess Onorabbli Bord jidhirlu li jkunu xierqa u opportuni.

Permezz ta' korrispondenza datata tmienja ta' April tas-sena elfejn u sittax (08.04.2016), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C', il-Kunsill esponenti gie diregut sabiex *'The Tender should be re-issued under the proper procedures'.*

Nonostanti din id-direzzjoni minghand l-Onorabbli Bord, gie nnutat li f'tali korrispondenza saret referenza biss ghall-kawza bin-numru 910, ossia dik rigwardanti Absolute Cleaners Limited, minghajr ma saret ebda referenza ghall-kawza bin-numru 912, ossia dik rigwardanti r-rikorrenti.

Konsegwentement, permezz ta' ittra datata hmistax ta' April tas-sena elfejn u sittax (15.04.2016), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D', il-Kunsill esponenti gentilment issottometta li d-direzzjoni moghtija mill-Onorabbli Bord kienet kontrastanti mad-decizjoni mehuda fir-rigward tal-appell intavolat mir-rikorrenti u ghal darba ohra rega' talab direzzjoni cara fuq iz-zewg appelli, fejn ir-rakkomandazzjoni

tkun valida ghaz-zewg decizjonijiet, jigifieri ghal dik moghtija fir-rigward tar-rikorrenti u ghal dik ta' Absolute Cleaners Limited.

Permezz ta' korrispondenza datata dsatax ta' April tas-sena elfejn u sittax (19.04.2016), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'E', il-Kunsill esponenti gie nfurmat li *'The Tender should be re-issued under the proper procedures',* u li *'Decision applies for Case 910 and Case 912.'*

Konsegwentement, il-Kunsill esponenti umilment jeccepixxi li r-rakkomandazzjoni tal-Onorabbli Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici hija li jerga' jinhareg it-Tender MLC08/2015 mill-gdid.

Ir-rikorrenti intavola ittra ufficcjali fejn interpella lill-Kunsill esponenti sabiex jottempra ruhu mad-decizjoni tal-Onorabbli Bord moghtija fil-konfront tieghu. B'risposta ghal dan il-Kunsill esponenti intavola ittra ufficcjali fejn spjega dan kollu suespost, kopja ta' liema ittra ufficcjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'F'.

Barra minn hekk, waqt laqgha li saret il-Kunsill Lokali Mellieha, fejn kien prezenti anki r-rikorrenti, il-Kunsill esponenti spjega il-pozizzjoni tieghu fid-dettal.

Sussegwentement, u ghal kull buon fini u sabiex ma jkunx hemm biss korrispondenza elettronika, il-Kunsill esponenti, baghat ukoll ittra ufficcjali lill-Onorabbli Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici sabiex tinghata direzzjoni ufficcjali mill-istess Onorabbli Bord, tal-procedura li ghandha tittiehed fil-konfront taz-zewg decizjonijiet ta' dan l-istess Bord, b'rabta mat-tender bin-numru MLC08/2015 b'kawzi numri 910 u 912, fejn gew notifikati l-applikanti kollha, inkluz ir-rikorrenti, kopja ta' din l-ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'G'.

Il-Kunsill esponenti ma rcieva ebda direzzjoni ulterjuri mill-Onorabbli Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici u ghalhekk id-direzzjoni li ghandu l-Kunsill esponenti fir-rigward tal-appelli succitati, hija dik moghtija permezz ta'

korrispondenza datata dsatax ta' April tas-sena elfejn u sittax (19.04.2016), fejn il-Kunsill esponenti gie nfurmat li *'The Tender should be re-issued under the proper procedures'*, u li *'Decision applies for Case 910 and Case 912.'*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-Kunsill esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talba attrici u in ogni caso, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha taghti direzzoni finali ta' x'procedura ghandu jiehu l-Kunsill esponenti fir-rigward tat-Tender bin-numru MLC 8/2015, bl-isem *'Environmentally Friendly Cleaning and Maintenance of Public Conveniences'*. Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-Kunsill intimat jonora d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi tal-11 ta' Marzu 2016 billi jerġa jqiegħed l-offerta tal-attur għas-sejħa tal-offerti MLC 8/2015 fil-proċess ta' evalwazzjoni u sabiex il-Kunsill intimat jevalwa din l-offerta abbażi tal-istess kriterji li fuqhom ġiet magħżula l-offerta tal-offerent rebbieħ, illum eliminat.

Mill-provi prodotti jirriżulta li f'Settembru tal-2015 il-Kunsill intimat ippubblika sejħa għall-offerti għat-tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi bir-riferenza MLC 8/2015. Għal din is-sejħa kien hemm seba' offerti, fosthom dik tal-attur.

Permezz ta' ittra datata 14 ta' Jannar 2016, il-Kunsill intimat bagħat jinforma lill-attur illi kienet ġiet magħżula l-offerta tas-Sur Antoine Fenech, liema offerta kienet ftit irħas minn dik tal-

attur, biex b'hekk jirriżulta li l-offerta tal-attur kienet it-tieni l-irħas waħda.

L-atturi kkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill intimat billi intavolaw appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Bord') a tenur tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja numru 174.04). Dan abbażi tal-fatt illi l-offerta magħżula mill-Kunsill intimat kellha dokument nieqes.

Permezz ta' deċiżjoni datata 11 ta' Marzu 2016, il-Bord laqa' l-appell tal-atturi stante li sab li d-deċiżjoni tal-Kunsill intimat li jitlob mingħand l-offerent magħżul dokument li ma ġiex sottomess mal-offerta tiegħu kienet tammonta għal '*rectification*' li tmur kontra r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Il-Bord għalhekk iddeċieda hekk:

> *"In view of the above, this Board finds **in favour** of the Appellant and recommends that:*
>
> i. *The Appellant's Offer is to be reintegrated in the Evaluation Process;*
>
> ii. *The deposit paid by the Appellant is to be fully reimbursed."*

Jirriżulta li mid-deċiżjoni tal-Kunsill intimat li jagħżel l-offerta tas-Sur Antoine Fenech appellaw żewġ offerenti oħra. Wieħed minn dawn l-appelli kien sar mill-offertent Absolute Cleaners Limited li ressaq diversi lmenti, fosthom l-istess ilment li ressqu l-atturi dwar id-dokumentazzjoni nieqsa u li fuqha l-Bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu favur l-atturi. Il-Bord ċaħad l-ilmenti kollha ta' Absolute Cleaners Limited, bl-eċċezzjoni tal-ilment li kien identiku għal dak tal-atturi. Madanakollu, wara li l-Bord laqa' dan l-ilment ta' Absolute Cleaners Limited, b'differenza minn dak deċiż fl-appell tal-atturi, iddeċieda hekk:

i. *The tender should be re-issued under the proper procedures;*

ii. *The deposit paid by the appellant company should be refunded.*

Il-Kunsill intimat għalhekk sab ruħu rinfaccjat b'żewġ deċiżjonijiet konfliġġenti dwar l-istess sejħa għall-offerti. Dwar it-tielet appell li ġie intavolat quddiem il-Bord, il-Qorti ma ngħatat l-ebda informazzjoni.

Permezz ta' ittra datata 26 ta' Jannar 2016 li tidher li waslet għand il-Bord fil-5 ta' April 2016, il-Kunsill intimat talab direzzjoni ċara dwar l-azzjoni li kellu jieħu in vista taż-żewġ deċiżjonijiet konfliġġenti. Permezz ta' *e-mail* datata 8 ta' April 2016, Victor Incorvaja, f'isem il-Bord, irrisponda hekk: '*Kindly note that the decision taken by the Public Review Board dated 15 March 2016 is to remain in force, i.e. The Tender should be re-issued under the proper procedures.*' Peress illi ġie nnutat illi f'din il-korrispondenza saret biss referenza għall-appell ta' Absolute Cleaners Limited, il-Kunsill bagħat ittra oħra datata 15 ta' April 2016 fejn talab kjarifika dwar iż-żewġ appelli. Permezz ta' *e-mail* datata 19 ta' April, ir-risposta ta' Victor Incorvaja kienet illi d-deċiżjoni li s-sejħa għall-offerti għandha toħroġ mill-ġdid tapplika għaż-żewġ appelli.

Il-Kunsill bagħat ukoll ittra uffiċjali lill-Bord għall-direzzjoni uffiċjali dwar liema proċedura għandu jsegwi fil-konfront taż-żewġ deċiżjonijiet konfliġġenti. Minkejja li debitament notifikata, għal din l-ittra uffiċjali l-Bord ma weġibx.

Il-Qorti tibda billi tindirizza l-argument tal-atturi mressaq fis-sottomissjonijiet tagħhom fis-sens illi r-risposta ġuramentata tal-intimat hija nulla għaliex ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi. Skont l-atturi, ir-risposta ġuramentata (i) hija nieqsa minn eċċezzjonijiet (ii) fiha talba li ma saritx fil-forma ta' talba rikonvenzjonali u (iii) Carmel Debono li ħalef ir-risposta għan-nom tal-Kunsill intimat, naqas milli jiddikjara li l-fatti jaf bihom personalment.

A tenur tal-artikolu 158(3) tal-Kap. 12, ir-risposta ġuramentata għandu jkun fiha:

a) *dawk l-eċċezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jinġibux fil-bidu tad-difiża;*

b) *stqarrija ċara u korretta tal-eċċezzjonijiet fuq il-meriti tat-talba jew tat-talbiet mingħajr riferenza għal awtoritajiet;*

c) *il-konvenut, jew wieħed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wieħed, għandu wkoll jiddikjara bil-ġurament fir-risposta ġuramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jiċħad, jammetti jew jispjega ċ-ċirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment.*

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li sa fejn huwa possibbli, att ġudizzjarju għandu jiġi salvat u sanat u mhux annullat. Fil-każ fl-ismijiet **Michael Attard nomine vs Raymond Galea**, deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi:

> "*Bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz*' u '*kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza*." (**Aquilina vs Cassar** – Vol. LXXVI.iv.666).

Fil-każ ta' Bieb Bieb Enterprises Limited vs Victor E. Mizzi noe tal-25 ta' Marzu 2015, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> "*Illi f'materja ta' nullita' tal-atti – kwestjoni meqjusa bħala waħda odjuza għal finijiet ta' amministrazzjoni ta' gustizzja – kull nullita' għandha titqies dejjem bħala l-eccezzjoni u mhux ir-regola. In-nullita' tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jigi assolutament tollerat bla ħsara għal xi*

*principju ta' gustizzja procedurali. Att gudizzjarju għandu jitqies null biss għal ragunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispozizzjonijiet espressi tal-ligi. Fuq kollox, il-ligi tal-procedura hija maħsuba biex il-kawzi jimxu b'ħeffa u efficjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiza u tal-principji tal-gustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtigijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawza mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarita' li l-ligi trid li tkun "essenzjali" f'att gudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet legittimi tal-ligi procedurali hawn imsemmija."*

Dil-Qorti ma tikkondividix it-teżi tal-atturi. Minn qari akkurat tar-risposta ġuramentata jirriżulta li l-Kunsill intimat qiegħed jeċċepixxi li r-rakkomandazzjoni finali tal-Bord kienet illi s-sejħa għall-offerti għandha ssir mill-ġdid u allura mhuwiex minnu li r-risposta ma fiha l-ebda eċċezzjoni. Għar-rigward tal-aħħar parti tar-risposta, din il-Qorti tqis illi l-intimat qiegħed sempliċiment jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti. Dan il-paragrafu ma fih l-ebda element ta' kontro-talba kif qed jikkontendu l-atturi. Finalment, u dwar li Carmel Debono ma ddikjarax illi l-fatti jaf bihom personalment, din il-Qorti tqis illi ladarba Carmel Debono kkonferma bil-ġurament il-kontentut tar-risposta, ma kien hemm bżonn l-ebda dikjarazzjoni oħra. Mill-att hu evidenti li Carmel Debono kien qiegħed jiddikjara fatti li jafhom hu. B'zieda ma' dan, il-fatt li fir-risposta ġuramentata ma jingħadx li l-intimat jaf personalment il-fatti dikjarati, ma rrekat l-ebda preġudizzju għall-atturi.

Dwar il-mertu, din il-Qorti qieset illi skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, waħda mill-funzjonijiet tal-Bord hija li jindirizza:

*"ilmenti mressqa minn offerenti jew kandidati fir-rigward ta' esklużjonijiet, offerti mhux konformi, deċiżjonijiet dwar għoti ta' kuntratti jew kanċellament ta' proċeduri ta'*

*akkwisti wara l-aħħar data u ħin stabbiliti għas-sottomissjoni tas-sejħa għall-offerta."*[1]

Dwar is-setgħat tal-Bord, ir-regolament 90(3) jistipula li:

*"Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni jkollu s-setgħa li jħassar il-proċess tas-sejħa jekk huwa jidhirlu li din tkun l-aqwa soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Dwar id-deċiżjonijiet tal-Bord, jingħad illi:

*"(1) Wara li jappunta r-rikors għas-smigħ, u wara li jisma' s-sottomissjonijiet verbali magħmula mill-partijiet kollha, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jistabbilixxi data li fiha jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'sessjoni pubblika.*

*(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni jittieħdu preferibbilment fuq bażi ta' unanimità. Iżda deċiżjonijiet b'maġġoranza jitqiesu bħala d-deċiżjoni finali tal-Bord ta' Reviżjoni. Iċ-chairman u ż-żewġ membri l-oħra jkollhom vot kull wieħed.*

*(3) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni għandha tiġi miktuba, tiġi ffirmata mill-membri kollha u tkun datata. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni għandu jindika r-raġunijiet li għalihom ittieħdet id-deċiżjoni.*

*(4) Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni għandu jirrakkomanda jekk depożitu magħmul minn xi parti għandux jiġi mrodd lura, kollu jew parzjalment, jew le.*

*(5) Sakemm ma jsirx appell, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tkun finali u tikkostitwixxi titolu eżekuttiv u tista' tiġi infurzata skont l-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*[2]*".*

[1] Regolament 87(b)

[2] Regolament 93

Skont ir-regolament 284 ukoll, kull parti li tħossha aggravata mid-deċiżjoni tal-Bord tista' tressaq appell minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Superjuri.

Miż-żewġ deċiżjonijiet tal-Bord imsemmija ma ġie intavolat l-ebda appell. Is-sitwazzjoni llum hija allura li l-atturi għandhom favurihom deċiżjoni tal-Bord li abbażi tagħha l-offerta tagħhom għandha terġa tiġi evalwata mill-Kunsill intimat, imma fl-istess ħin il-Kunsill intimat huwa marbut b'deċiżjoni oħra li ħassret il-proċess kollu tas-sejħa għall-offerti.

L-atturi jinsistu li l-offerta rebbieħa kellha tkun tagħhom u fil-fatt, Carmel Debono għall-intimat jikkonferma li kieku l-offerta ta' Antoine Fenech ġiet skwalifikata mal-ewwel, abbażi tal-istess kriterji li ġiet magħżula l-offerta tiegħu, kienet tintagħżel dik tal-attur.

Madanakollu, u filwaqt illi tifhem il-posizzjoni li sabu ruħhom fiha l-atturi intortament, il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt illi dwar l-istess sejħa għall-offerti hemm deċiżjoni oħra li llum hija finali u torbot lill-Kunsill intimat. Permezz ta' dik id-deċiżjoni, is-sejħa għall-offerti ġiet imħassra u trid ta' bilfors toħroġ mill-ġdid. Huwa inutli f'dan ix-xenarju li l-atturi jinsistu li għandhom dritt li l-offerta tagħhom terġa tiġi evalwata għaliex ma jista' jkun hemm l-ebda evalwazzjoni mingħajr sejħa għall-offerti.

Ma jiswiex li l-atturi jgħidu li kienu huma biss intavolaw proċeduri bħal dawk tal-lum sabiex jinsistu fuq id-deċiżjoni tal-Bord jew li l-offerta ta' Absolute Cleaners Limited kienet l-għola waħda. Hija inutli u mingħajr bażi wkoll l-insinwazzjoni tagħhom li l-Kunsill intimat għażel l-offerta ta' Antoine Fenech biss għaliex dan kien rebaħ kuntratti oħra. Il-mertu tal-kawża odjerna mhuwiex il-mod kif ġiet aġġudikata s-sejħa għall-offerti imma jekk tistax tiġi infurzata d-deċiżjoni tal-Bord fil-każ tal-atturi.

Minkejja li din il-Qorti tibqa' ferm perplessa dwar kif il-Bord seta' qatt jasal għal deċiżjonijiet daqshekk konfliġġenti dwar l-istess sejħa għall-offerti, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-Kunsill intimat ma jistax jonora d-deċiżjoni tal-Bord fil-konfront

tal-appell tal-atturi. Dan mhux minħabba l-kjarifika li għamel il-Bord fuq talba tal-Kunsill, għaliex din ma kienet kjarifika xejn imma effettivament il-Bord bidel id-deċiżjoni li ħa fil-każ tal-atturi, xi ħaġa li ċertament ma setax jagħmel u żgur li mhux permezz ta' sempliċi *e-mail*, imma għaliex kif diġà ntqal, ma jista' jkun hemm l-ebda evalwazzjoni mingħajr sejħa għall-offerti valida u leġittima, u fil-każ tal-lum is-sejħa għall-offerti ġiet imħassra mill-Bord. Għalhekk, u f'dawn iċ-ċirkostanzi, it-talbiet tal-atturi qed jiġu miċħuda.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG